MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 181/2001
Kawza Numru. 22

**Pulizija**
**(Supretendent Silvio Valletta)**

**vs**

**Johan Pace**
**Francis Formosa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Johan Pace ta' 24 sena, iben Geranzio u Doris nee' Micallef, imwieled Pieta' fit-3 ta' Novembru 1976 u residenti 43, M'Xetto Rd, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 11077(M) u Francis Formosa ta' 31 sena, iben Francis u Josephine nee' Gatt, imwieled il-Pieta' fid-19 ta' Settembru 1970 u residenti 128, Triq F.S.

Caruana, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 409470(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-3 ta' Marzu 2001, ghal habta tat-03:30Hrs, fi Triq San Bernard, il-Marsa, ghamlu attentat ta' serq mill-mahzen bla numru li jinsab f' din it-triq imsemmija, ghad-detriment ta' Mohammed Trabelsi, dan billi taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, dan bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lill-Johan Pace wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta (mus), minghajr il-licenzja tal-Pulizija, dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rrenda ruhu recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 25/04/96 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lill-Francis Formosa  wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b' sentenza ta-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 23/07/97, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Marzu 2001 (esebit *a folio 17* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2001 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat is-Social Inquiry Reports imhejjija fil-konfronti taz-zewg imputati u esebiti a fol. 148 sa 186 tal-process.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda attentat ta’ serq li sar fit-3 ta’ Marzu 2001 ghall-habta tat-3.30am li sar minn fond fi Triq San Bernard, il-Marsa ghad-detriment ta’ Mohammed Trabelsi. Mil-provi rrizulta li fl-imsemmija data il-Pulizija rcevew rapport li kienet qed issir serqa minn garaxx gewwa blokk ta’ garaxxijiet, fi Triq San Bernard, il-Marsa u ghalhekk il-Pulizija tad-Distrett flimkien mal-Mobile Squad marru fuq il-post indikat lilhom u minn hemm raw tlett persuni hergin jigru il-barra u meta grew warajhom irnexxilhom jaqbdu tnejn minnhom li kienu l-imputati fil-kawza odjerna. Mill-provi rrizulta wkoll li ma lahaq insteraq xejn mill-post u li l-propjetarju tal-fond li kien ser jigi misruq irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati. Meta l-imputati gew interrogati mmedjatament wara li inqabdu mill-Pulizija huma ghazlu li ma jwiegbu ghall-ebda domanda li saritilhom.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel akkuza, u cioe’ dik ta’ attentat ta’ serq li ngabet fil-konfronti taz-zewg imputati din tirrizulta ampjament pruvata stante li l-istess imputati nqabdu fil-fatt mill-membri tal-korp tal-Pulizija li bl-intervent pront u f’waqtu taghhom irnexxilhom jinterrompu s-serqa li kienet ser issir u ghalhekk kien hemm bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt li ma kompliex isehh minhabba ragunijiet indipendenti mill-volonta’ taz-zewg imputati odjerni. L-istess imputati sejrin ghalhekk jinstabu hatja tal-ewwel akkuza migjuba fl-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Rigward l-akkuza ta’ pussess ta’ arma (mus) minghajr il-licenzja tal-Pulizija migjuba fil-konfronti tal-imputat Johan Pace wahdu rrizulta mix-xhieda ta’ PC991 Raymond Fabri, ta’ PC 275 Thomas Dimech u dik ta’ PC 1156 Alfred Micallef li meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat Johan Pace instabet flick knife li ma kienitx

koperta bid-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Kemm l-imputat Johan Pace kif ukoll l-imputat Francis Formosa jinsabu akkuzati li huma recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Filwaqt li l-addebitu tar-recidiva jirrizulta pruvat fil-konfronti tal-imputat Johan Pace (ara sentenza esebita a fol. 30 sa 33 tal-process) l-istess haga ma tistghax tinghad fil-konfronti tal-imputat Francis Formosa u dan stante li kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza fis-sentenza tat-23 ta’ Lulju 1997 (esebita a fol. 34 u 35 tal-process) l-imputat kien instab hati ta’ sewqan traskurat, giri aktar milli suppost u li ma zammx fuq in-naha tax-xelllug tat-triq u ghalhekk trattandosi ta’ reati jew kontravenzjonijiet imsejsa fuq traskuragni u non-osservanza ta’ regolamenti m’humiex applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 49 u 50 fil-konfronti tal-imputat Francis Formosa.

Ghal finijiet ta’ piena fil-konfronti taz-zewg imputati l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontenut tas-social inquiry reports imhejjija fil-konfronti taghhom minn fejn jirrizulta li fiz-zmien lli kkommettew ir-reat li tieghu qed jinstabu hatja huma kellhom problemi ta’ abbuz mill-alcohol u loghob tal-azzard rispettivament izda llum il-gurnata huma ben integrati fis-socjeta’ in kwantu jirrigwarda impjieg u support familjari u ghalkemm il-fedina penali taghhom tindika li fiz-zminjiet in kwistjoni huma kisru dufrejhom mal-gustizzja f’diversi okkazzjonijiet il-Qorti jidrilha li huma ghandhom jinghataw l-opportunita’ li jibqghu jipprocedu fuq it-triq it-tajba li donnhom qabdu f‘dawn l-ahhar snin.
.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41, 285, 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 tal-Kap. 66 l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Johan Pace hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tlett snin millum u tikkundannah multa ta’ €116.

Wara li ra l-Artikoli 41 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Francis Formosa

hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tlett snin millum. Il-Qorti tiddikjarah mhux hati tal-akkuza ta' recidiva migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------